Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3122

17.12.2024

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3122

**tas-16 ta' Diċembru 2024**

**li jawtorizza eżenzjoni skont ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar fil-kaxxi għat-trasport tad-demm u l-friżers għat-tkessiħ rapidu b'kuntatt għall-plażma tad-demm**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-punt 4 tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2024/573 jipprojbixxi l-introduzzjoni fis-suq ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni awtonomu, ħlief chillers, li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, mill-1 ta' Jannar 2025, ħlief jekk dan ikun meħtieġ biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' sikurezza fis-sit tal-operat.

(2) Fl-14 ta' Ottubru 2024, l-awtoritajiet kompetenti Lussemburgiżi ressqu talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) 2024/573, għall-awtorizzazzjoni ta' eżenzjoni li permezz tagħha fis-suq tal-Unjoni tkun possibbli l-introduzzjoni ta' kaxxi għat-trasport tad-demm u ta' friżers għat-tkessiħ rapidu b'kuntatt għall-plażma tad-demm, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness IV, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2024/573.

(3) Il-kaxxi għat-trasport tad-demm huma sistemi uniċi għall-ġbir, il-ħżin u l-konsenja tad-demm. Iżommu d-demm jew il-komponenti tad-demm f'temperatura protettiva u stabbli bejn iż-2 °C u s-6 °C, jew il-komponenti tal-pjastrini bejn l-20 °C u l-24 °C sakemm ikunu lesti għall-użu. Il-friżers għat-tkessiħ rapidu b'kuntatt għall-plażma tad-demm huma apparati użati għall-iffriżar rapidu tal-plażma tad-demm b'temperatura fil-qalba ta' – 30 °C.

(4) It-talba għall-eżenzjoni tiddikjara li bħalissa l-kaxxi għat-trasport tad-demm u l-friżers għat-tkessiħ rapidu b'kuntatt għall-plażma tad-demm jiddependu ħafna mill-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' aktar minn 150 u li jeżistu ħafna sfidi tekniċi fl-iżvilupp ta' tagħmir li jista' juża sustanzi alternattivi mingħajr ma tkun kompromessa s-sikurezza. Sabiex jiġi żgurat li l-alternattivi jintużaw b'mod sikur, li jsiru l-bidliet meħtieġa fid-disinn u biex il-kostijiet jinżammu f'livell proporzjonat, ikun hemm bżonn iż-żmien biex tiġi ffaċilitata l-bidla għal refriġeranti b'valur GWP inqas minn 150. Barra minn hekk, jeżisti wkoll riskju għad-disponibbiltà tal-prodotti fis-suq, fil-każ li l-manifatturi tat-tali tagħmir ma jkunux jistgħu jibqgħu jipprovduh. Fin-nuqqas ta' eżenzjoni, tali tagħmir ukoll mhux se jkun permess għall-esportazzjoni mit-12 ta' Marzu 2025, f'konformità mal-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2024/573.

(5) It-talba għall-eżenzjoni titlob estensjoni ta' sentejn mill-projbizzjoni tal-introduzzjoni fis-suq biex ikunu jistgħu jiġu finalizzati l-iżvilupp u l-ittestjar ta' magni konformi ġodda u tiġi żgurata l-kontinwità fil-provvista tal-prodotti kritiċi tad-demm essenzjali għal ħafna interventi mediċi urġenti u vitali.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat it-talba għall-eżenzjoni u tqis li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) 2024/573 huma ssodisfati. Il-Kummissjoni tqis ukoll li f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn, jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien biex jiġi evitat tfixkil fis-suq fil-provvista ta' tali tagħmir essenzjali. Il-Kummissjoni tqis li perjodu ta' sentejn ikun iġġustifikat f'dan il-każ eċċezzjonali.

([1]) ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj.

(7) Meta jitqies li l-projbizzjoni għall-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni tat-tip ta' tagħmir imsemmi fl-eżenzjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2025, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, stabbilit bl-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2024/573,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Permezz ta' deroga mill-Anness IV, il-punt 4, tar-Regolament (UE) 2024/573, l-introduzzjoni fis-suq tal-kaxxi għat-trasport tad-demm u l-friżers għat-tkessiħ rapidu b'kuntatt għall-plażma tad-demm li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, hija awtorizzata mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2026, dment li jkunu ttikkettati skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2024/573.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN